IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2013
SWD(2013) 106 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea

{COM(2013) 192 final}
{SWD(2013) 105 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea

1. DAĦLA

Din il-valutazzjoni tal-impatt (VI) tistipula kif il-Kummissjoni għandha tindirizza sfidi diversi li jikkonfrontaw il-politika tad-difiża tal-kummerċ tagħha, li ilha ma ssirilha riforma ewlenija mill-1995. L-għan ewlieni tal-Kummissjoni huwa li jinstabu soluzzjonijiet biex tiġi ssimplifikata s-sistema, tiġi żgurata l-akbar effiċjenza u l-akbar effettività tal-istrumenti mingħajr ma jintmiss il-bilanċ eżistenti bejn l-interessi differenti tal-partijiet interessati. Fuq din il-bażi l-VI teżamina tliet għażliet ta' politika.

Id-difiża tal-kummerċ (TD) hija parti mill-ordni legali maħluqa mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u tingħata lill-membri tagħha permezz tal-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehimiet tad-WTO dwar l-anti-dumping u ta' kontra s-sussidji. It-TD tista' tintuża biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet rilevanti u jekk investigazzjoni tikkonkludi li l-prodotti importati huma oġġett ta' dumping jew jibbenefikaw minn sussidju, u jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija domestika. Kwalunkwe miżura imposta ma tistax taqbeż il-livell misjub ta' dumping jew sussidju.

Lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-WTO, il-qafas tal-UE fih elementi oħra, magħrufa bħala "WTO+", jiġifieri r-regola tad-dazju inferjuri (LDR), li tippermetti l-impożizzjoni ta' dazji li huma aktar baxxi mill-marġni attwali tad-dumping jew tas-sussidju, u t-test tal-interess tal-Unjoni. Dan it-test jinvolvi eżami tal-interessi tal-operaturi ekonomiċi kollha fl-UE qabel ma jiġu imposti l-miżuri.

Fl-2006/2007, tnediet riforma fil-forma ta' Green Paper, li falliet minħabba nuqqas ta' konverġenza bejn il-partijiet interessati. Il-kwistjonijiet kontroversjali ewlenin kienu l-ambitu tat-test tal-interess tal-Unjoni u d-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, minħabba l-isfidi l-ġodda li seħħew fl-ambjent tan-negozju matul dawn l-aħħar snin, din l-inizjattiva ġdida tnediet f'Ottubru tal-2011.

L-evidenza għal din l-inizjattiva ġejja mill-esperjenza tas-servizzi tal-Kummissjoni stess, minn studju mħejji minn konsulent estern, u mill-konsultazzjoni pubblika tal-partijiet interessati permezz ta' kwestjonarju onlajn. Waslu 310 tweġiba minn partijiet interessati bħal assoċjazzjonijiet kummerċjali fil-livell Ewropew u nazzjonali, l-industrija tal-UE, importaturi, eċċ.

2. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Ġew identifikati diversi oqsma ta' titjib fis-sistema sabiex din tadatta ruħha aħjar għal ambjent tan-negozju li dejjem jinbidel.

(a) Trasparenza u prevedibbiltà mhux ottimi

Il-kwalità tal-miżuri meħuda u t-trattament tal-partijiet interessati jistgħu jintlaqtu minn kwistjonijiet ta' trasparenza u prevedibbiltà. In-nuqqas ta' żvelar qabel id-deċiżjoni provviżorja tal-Kummissjoni, u l-opaċità ta' ħidmet il-kumitati tal-anti-dumping u ta' kontra s-sussidju, jidhru li huma problematiċi f'xi każijiet. Ġew identifikati wkoll ċerti inugwaljanzi fit-tixrid ta' informazzjoni li għandha x'taqsam ma' dawn il-kumitati. Tħassib ieħor jirrigwarda kwistjonijiet aktar tekniċi bħalma huma l-għażla tal-pajjiż analogu, il-kalkolu tal-marġini tal-ħsara, l-analiżi tal-interess tal-Unjoni, il-metodoloġija użata fir-reviżjonijiet ta' skadenza, il-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-ilmenti u s-sottomissjonijiet, jew il-proċeduri ta' rifużjoni.

(b) Ritaljazzjoni kontra l-utenti tat-TDI

Produtturi tal-UE li jużaw jew li għandhom il-ħsieb li jużaw it-TDIs, qegħdin jaffaċċjaw numru dejjem akbar ta' theddid ta' ritaljazzjoni diretta u indiretta. Fil-preżent, il-produtturi tal-UE qegħdin kulma jmur jibżgħu aktar mill-istrateġiji "għajn għal għajn" għal liema xi wħud qegħdin jirreaġġixxu billi jiddeċiedu li ma jippreżentawx jew li ma jappoġġjawx ilment, ma jikkooperawx, jew saħansitra jirtiraw minn investigazzjoni. Peress li r-regolamenti bażiċi attwali ma jipprevedux obbligu ta' koperazzjoni, il-Kummissjoni jista' ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni biex tissokkta bl-investigazzjoni. Ir-ritaljazzjoni minn pajjiżi terzi tvarja minn kontromiżuri fuq l-istess prodotti jew fuq prodotti differenti għal rikatti personali.

(c) L-evażjoni tal-miżuri

Kulma jmur l-evażjoni tista' tipperikola l-effettività tal-miżuri tal-anti-dumping u ta' kontra s-sussidji Il-prattiki ta' evażjoni jinkludu fost oħrajn modifika żgħira tal-prodotti jew il-klassifikazzjoni inkorretta tagħhom, sabiex ma jitħallas l-ebda dazju. Huwa diffiċli ħafna għall-industrija tal-UE li taqbad dawn il-prattiki għax l-informazzjoni rilevanti hija kunfidenzjali u mhix disponibbli fl-istatistika uffiċjali.

(d) Is-sussidjar distortiv tal-kummerċ u d-distorsjonijiet fil-materja prima f'pajjiżi terzi

Is-sussidjar iseħħ meta l-gvernijiet jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-kumpaniji tagħhom, li saħansitra hija meqjusa bħala forma ta' prattiki ta' negozjar żleali iktar serja mid-dumping. Madankollu, il-każijiet ta' kontra s-sussidji huma inqas mill-każijiet ta' anti-dumping minħabba d-diffikultà li tinstab evidenza ta' sussidju fil-pajjiż terz, u minħabba l-effett tar-regola tad-dazju inferjuri b'mod parallel mal-każijiet ta' kontra s-sussidji u tal-anti-dumping. Konsegwentement, fil-prattika, il-pajjiżi terzi spiss jissussidjaw b'impunità.

Tqajjem ukoll tħassib rigward id-distorsjonijiet fil-materja prima strutturali. Dawn id-distorsjonijiet jistgħu jieħdu l-forma ta' sussidju (pereżempju l-forniment ta' enerġija rħisa mill-gvern). Madankollu, ħafna drabi dawn mhumiex kumpensatorji u hemm bżonn li jiġu indirizzati fi ħdan il-kuntest tal-anti-dumping, eż. diversi forom ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, jew il-kummerċ tal-materja prima fuq skambji speċjalizzati li huma taħt l-influwenza tal-istat u li għalihom l-aċċess mill-kumpaniji hu limitat.

(e) Il-kwalità tad-dejta disponibbli għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet

L-investigazzjonijiet tat-TD joqogħdu fuq informazzjoni provduta mill-partijiet interessati, li għandhom jimlew kwestjonarju u li għandhom jippermettu lill-investigaturi tal-Kummissjoni jivverifikaw id-dejta tagħhom. L-informazzjoni miġbura tkun spiss inkompluta minħabba l-kompitu li jieħu l-ħin u impenjattiv tat-tlestija tal-kwestjonarji f'limitu ta' żmien relattivament qasir. L-SMEs jikkonfrontaw saħansitra diffikultajiet ikbar biex jilħqu dawn l-iskadenzi u

jonqsu milli jipprovdu informazzjoni rilevanti, u dan jista' jagħti stampa inkompluta tas-servizzi tal-Kummissjoni.

(f) **L-aċċess għat-TDIs mill-SMEs**

It-TDIs mhumiex strumenti faċli għall-SMEs, għaliex il-ġbir tal-evidenza meħtieġa jiswa ħafna flus u juża bosta riżorsi.

(g) In-nuqqasijiet fil-prattika tar-reviżjoni

Bħalissa, ir-reviżjonijiet ta' skadenza jippermettu biss jew revoka tad-dazju, jew inkella li dan jinżamm fl-istess livell. Madankollu, fil-każ tat-tieni jew it-tielet reviżjoni ta' skadenza, meta l-miżuri jkunu ilhom fis-seħħ għal 10 snin jew iżjed, il-kundizzjonijiet tas-suq jistgħu jkunu laħqu nbidlu, u varjazzjoni fil-livell tad-dazji hemm mnejn tkun xierqa.

Kwistjoni oħra li għandha tiġi indirizzata hija r-rimborż ta' dazji miġbura matul il-perjodu tar-reviżjoni, meta l-investigazzjoni ta' reviżjoni turi li d-dazju għandu jiġi revokat.

(h) Reviżjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fir-Regolamenti bażiċi

Mill-aħħar bidliet sostantivi fir-Regolamenti bażiċi fl-1995, ngħataw diversi deċiżjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO u sentenzi tal-QĠE u jeħtieġ li dawn jiġu riflessi fir-Regolamenti bażiċi. Anke ċerti kwistjonijiet li nqalgħu tul din il-prattika tat-TDIs, jeħtieġ li jiġu ċċarati.

(i) Kunsiderazzjoni inadegwata tal-katini tal-valur

Jingħad li t-TDIs jonqsu milli jikkunsidraw il-katini tal-valur globali. Il-leġiżlazzjoni attwali (konformi mal-liġi tad-WTO) tiddefinixxi bħala industrija tal-Unjoni biss il-kumpaniji li jwettqu produzzjoni fiżika fi ħdan l-UE, li ċċaħħad lill-importaturi fl-istadju finali mit-tikketta tagħhom ta' "produttur domestiku (tal-Unjoni)".

(j) Iż-żmien mill-bidu tal-ħsara sal-impożizzjoni tal-miżuri

Iż-żmien li jgħaddi bejn il-bidu ta' każ u l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huwa itwal fl-UE milli f'xi pajjiżi oħra li jużaw l-istrumenti tad-DK. Dan, flimkien mal-kumplessità tal-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa, idgħajjef bil-wisq l-effett deterrenti tat-TDIs.

(k) It-tul tal-miżuri tad-TDI

Il-miżuri tad-TDI normalment jibqgħu fis-seħħ għal ħames (5) snin. Jistgħu jiġġeddu wara reviżjoni ta' skadenza għal perjodu ieħor ta' 5 snin. Ma hemm l-ebda limitazzjoni fuq in-numru ta' analiżijiet ta' skadenza u għalhekk lanqas m'hemm limitu fuq it-tul ta' żmien globali tal-miżuri tat-TD. Il-produtturi tal-UE huma favur il-prattika attwali. L-importaturi, madankollu, jilmentaw dwar in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni għal miżuri li jibqgħu fis-seħħ għal 10 snin jew aktar.

3. GĦANIJIET

(1) Għanijiet ġenerali

(a) Jikkontribwixxu għal kummerċ ħieles u ġust fid-dinja

(b) Jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, il-benefiċċji għall-konsumaturi u l-effetti fuq ix-xogħol

(c) Jerġgħu jintroduċu kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust

(2) Għanijiet Speċifiċi:

(a) Joħolqu ambjent tan-negozju li fih l-industriji tal-UE (u b'implikazzjoni, il-ħaddiema fi ħdanha) huma kapaċi jikkompetu fuq il-bażi tal-vantaġġi

kompetittivi ġenwini tagħhom u jiżguraw li huma jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ tal-istrumenti li huma legalment għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet indaqs

(b) Jippermettu lill-utenti u l-konsumaturi jibbenefikaw minn importazzjonijiet ibbażati fuq il-vantaġġi kompetittivi ġenwini ta' fornituri barranin

(c) Iżidu l-fiduċja u l-għarfien tas-sistema tat-TDI tal-UE fost il-partijiet interessati kollha, anke fost l-intrapriżi ż-żgħar u medji

(d) Itejbu l-livell ta' kooperazzjoni tal-partijiet interessati kollha kkonċernati fil-proċeduri tat-TDI

(e) Jippreservaw il-bilanċ eżistenti ta' interessi bejn l-interessi tal-produzzjoni u tal-importazzjoni

(3) Għanijiet Operazzjonali

(a) Iżidu t-trasparenza u l-prevedibbiltà

(b) Jipprevjenu r-ritaljazzjoni

(c) Jiżguraw l-effettività u l-infurzar

(d) Jiffaċilitaw il-kooperazzjoni

(e) Jottimizzaw il-prattika tar-reviżjonijiet

(f) Iżidu iċ-ċertezza legali (kodifikazzjoni)

4. GĦAŻLIET POLITIĊI

Għażla ta' Politika Nru 1: L-ebda bidla: L-ewwel għażla tkun li kollox jibqa' sejjer kif inhu, u l-leġiżlazzjoni u l-prattika attwali jitħallew kif inhuma.

Għażla ta' Politika Nru 2: Din tikkonsisti f'intervent speċifiku propost għal kull problema individwali identifikata (u miżmuma) – b'soluzzjonijiet alternattivi f'għadd limitat ta' każijiet.

Għażla ta' Politika Nru 3: It-tielet għażla tikkonsisti f'pakkett li jinkludi preċiżament dawk l-interventi speċifiċi eżaminati skont l-Għażla nru 2 fejn l-impatt globali huwa mistenni li jkun pożittiv, u li ma jmissux il-bilanċ ta' interess bejn il-produtturi u l-importaturi.

5. ANALIŻI TAL-IMPATT

Għażla nru 1 – l-ebda bidla:

Filwaqt li l-għażla li ma jinbidel xejn tista' tkun verament l-għażla ppreferuta ta' xi partijiet interessati, in-nuqqas ta' azzjoni tħalli l-problemi li ġew identifikati kollha mingħajr soluzzjoni. Dan ikollu impatt ekonomiku negattiv limitat. Dan jirriżulta f'aktar piżijiet amministrattivi u b'hekk volum akbar ta' xogħol għal dawk kollha kkonċernati. In-nuqqas ta' gwida addizzjonali dwar ċerti kwistjonijiet tekniċi ta' investigazzjoni u l-ħtieġa ta' kjarifika dwar ċerti kwistjonijiet legali, jistgħu jwasslu għal numru dejjem akbar ta' sfidi legali. Ir-ritaljazzjoni, fenomenu aktar riċenti, mhux se tkun trattata. Fil-medda t-twila ta' żmien, in-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni jista' wkoll ikollu xi konsegwenzi soċjali u ambjentali negattivi limitati.

Għażla nru 2 identifikati interventi speċifiċi għal problemi individwali:

L-impatt ta' kull intervent speċifiku propost sabiex jiġu indirizzati l-problemi individwali identifikati huwa analizzat fl-għażla nru 2. F'numru limitat ta' każijiet huma proposti soluzzjonijiet alternattivi u l-impatt tagħhom huwa analizzat fuq bażi individwali wkoll. Filwaqt li l-effett ta' dawn l-interventi jista' jkun sinifikanti fir-rigward tal-problemi speċifiċi

individwali indirizzati, l-impatt globali fuq il-flussi tal-kummerċ tal-għażla nru 2 huwa mistenni li jkun marġinali u mhu mistenni l-ebda effett soċjali u ambjentali notevoli.

Għażla nru 3 l-għażla pakkett:

Il-pakkett propost fl-għażla nru 3 jinkludi, fost oħrajn, l-hekk imsejħa "**il-klawsola ta' tliet ġimgħat dwar it-trasport marittimu**", jiġifieri perjodu ta' grazzja meta d-dazji ma jiġux imposti. L-importaturi jkollhom 3 ġimgħat biex jadattaw ruħhom qabel l-impożizzjoni tad-dazji proviżorji. Barra minn hekk, dazji miġbura matul investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza se jiġu rimborżati f'każ ta' terminazzjoni tad-dazju. Iż-żewġ proposti se jkollhom impatt pożittiv limitat fuq l-importaturi.

L-impatt negattiv fuq il-produtturi tal-Unjoni se jkun limitat, billi tliet (3) ġimgħat mhumiex biżżejjed biex dawn jgħaddu bosta ordnijiet addizzjonali jew biex jagħmlu ħażniet kbar. Mhu mistenni l-ebda impatt negattiv fuq il-produtturi tal-Unjoni minħabba r-rifużjoni tad-dazji, peress li l-miżuri jibqgħu fis-seħħ matul il-perjodu kollu tar-reviżjoni.

In-**nonapplikazzjoni tal-LDR** f'każijiet ta' sussidjar jew distorsjonijiet strutturali fil-materja prima, żżid id-dazji f'każijiet bħal dawn u, għalhekk, jista' jkollha impatt fuq l-ispejjeż għall-importaturi u l-konsumaturi finali. Fl-istess ħin, dazji ogħla bħal dawn għandhom jagħtu xi ftit nifs lill-produtturi tal-Unjoni milquta minn prattiki inġusti, u d-dazji miżjuda għandhom jiskoraġġixxu lill-gvernijiet u l-esportaturi ta' pajjiżi terzi milli jxekklu l-kummerċ.

L-għażla 3 tipprevedi **inizjazzjonijiet *ex officio*** u obbligu ta' kooperazzjoni għall-produtturi tal-Unjoni f'każijiet ta' ritaljazzjoni. Dan itejjeb il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jfittxu protezzjoni, filwaqt li jnaqqsu l-espożizzjoni tagħhom għall-konsegwenzi ekonomiċi ta' tali mġiba ta' ritaljazzjoni. Fir-rigward tal-SMEs, helpdesk mtejba tgħinhom jifhmu u jittrattaw aħjar il-proċeduri tat-TDIs.

B'mod ġenerali, l-**effett fuq il-flussi tal-kummerċ** huwa mistenni li jkun minimu. Kull **impatt soċjali u ambjentali** jkun ukoll limitat iżda pożittiv, jiġifieri l-għażla nru 3 għandha tikkontribwixxi biex tillimita t-telf ta' impjiegi fl-UE.

6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

Għażla nru 2:

Sa fejn tindirizza l-problemi individwali identifikati, l-għażla ta' politika nru 2 tissodisfa wħud mill-għanijiet operattivi u tissodisfa parzjalment xi għanijiet speċifiċi. Madankollu, peress li hemm nuqqas ta' koerenza, din ma tagħmilx kontribut sinifikanti biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali. Tali approċċ individwali jġorr ukoll ir-riskju li jinħoloq żbilanċ bejn l-interessi ta' produzzjoni u esportazzjoni.

Għażla nru 3:

Din l-għażla tikkontribwixxi b'mod sħiħ jew parzjalment għal kull wieħed mill-objettivi ġenerali. Minbarra, li tiskoraġġixxi lill-operaturi milli jinvolvu ruħhom fi prattiki distortivi għall-kummerċ u atti ta' ritaljazzjoni, hija tgħin ukoll biex il-kundizzjonijiet bejn il-partijiet jerġgħu jkunu ndaqs. Finalment, hija ssostni l-bilanċ tal-interessi bejn il-partijiet interessati. Fi ftit kliem, l-għażla nru 3 twieġeb l-għanijiet speċifiċi kollha u tagħti kontribut sinifikanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali kollha.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Sabiex jiġu evalwati l-impatt u l-effettività ta' din l-inizjattiva, l-indikaturi ġew maħsuba b'tali mod li se jkunu jippermettu l-monitoraġġ tal-iżvilupp ta' sistema tat-TDI tal-UE. Huwa ssuġġerit li s-sena 2013 tintuża bħala sena ta' referenza u perjodu ta' evalwazzjoni, li jkopri mill-inqas tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi proposti.